# L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

## Kategorija tal-prassi: Kurrikuli Innovattivi jew Pjan ta' Taħriġ f'kull Żona Partikulari

Tip ta' prassi: Prassi Promettenti

Pajjiż: Il-Belġju

April 2014

| **Titolu tal-prassi** | Taħriġ fit-Tmexxija u l-Ġestjoni |
|---|---|
| *Karatteristiċi prinċipali:* | Fil-**Belġju**, ġie żviluppat kors u kkowċjar fil-ġestjoni tal-proġetti għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti biex iħeġġu kooperazzjoni aħjar u skambju ta' informazzjoni bejn il-membri tal-ġudikatura u l-membri tal-persunal tagħhom. Wara li jkunu tħarrġu f'tekniki ta' ġestjoni tal-proġett, il-parteċipanti jirċievu kowċing imfassal apposta għalihom sabiex jispeċifikaw l-għanijiet tagħhom u biex jibnu l-pjan ta' ġestjoni tal-proġett tagħhom. Wara ftit xhur ta' prattika fuq il-pjan ta' ġestjoni tal-proġett, il-proġetti jiġu ppreżentati minn parteċipanti f'forum, bil-ħsieb li jsiru punti ta' riferiment ġodda għall-**PRATTIKI TAJBIN**. L-għan aħħari ta' dan il-kors huwa li s-sistema ġudizzjarja ssir aktar effiċjenti billi jintużaw proċessi aqwa u għodod ta' ġestjoni adattati b'mod xieraq. |
| *Dettalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni* | *Judicial Training Institute* (IGO/IFJ)<br>Avenue Louise 54<br>1050 Brussels<br>Belgium<br>Telefown: + 32 2 518 49 49<br>Il-faks: + 32 2 518 49 79<br>Indirizz elettroniku: info@igo-ifj.be |

| | |
|---|---|
| | Sit elettroniku: http://www.igo-ifj.be. |
| *Kummenti oħrajn* | Il-prattika Belġjana hija **PRASSI PROMETTENTI** fi stat ta' żvilupp reattiv. X'aktarx li se naraw tkabbir esponenzjali f'attivitajiet bħal dawn fis-snin li ġejjin. |

Sors: **Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)**